


*miġbur minn Keith Muscat*

# Lorenzo Bugeja u r-Rabta Tiegħu ma' San Pawl il-Baħar

Fost għadd ta' episodji fejn il-Maltin iddistingwew ruħhom għall-qlubijja, insibu l-qawmien kontra l-Franċiżi li seħħ bejn l-1798 u l-1800.

Wara li l-Ġeneral Napuljun Bonaparte ħa f'idejh it-tmexxija tal-Gżejjer Maltin minn idejn il-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann, fit-12 ta' Ġunju 1798, ħafna kienu dawk li ħadu n-nifs għax ħasbu li se tibda' era ġdida, differenti minn dik tal-Kavallieri, li issa kienu mxebbgħin biha. Wara li ħataf it-teżori u l-flejjes li sab fil-Knejjes, l-Ordnijiet Reliġjużi u l-istituzzjonijiet pubbliċi sabiex jiffinanzja l-armata, Bonaparte salpa lejn l-Eġittu imma ħalla warajħ kontinġent ta' madwar 5,000 suldat, taħt it-tmexxija tal-Ġeneral Claude-Henri de Vabois.

Il-Maltin malajr indunaw x'ħobż kienu jieklu l-Franċiżi, għax ir-reġim il-ġdid issospenda l-pensjoni ċivili u mpona ruxxmata taxxi ġodda. Apparti minn dan, il-Franċiżi llimitaw il-Kunventi tal-Ordnijiet Reliġjuzi għall-wieħed għall-kull Ordni u naqqsu l-ġurisdizzjoni tal-Isqof. Meta l-Franċiżi ħabbru li kien se jsir irkant ta' affarijiet prezzjużi li kien hemm fil-kunventi fir-Rabat u l-Imdina, il-Maltin ma' felħux aktar u fit-2 ta' Settembru 1798 beda' l-qawmien kontra l-Franċiżi. Fi ftit ġranet, it-truppi Franċiżi kellhom jingħalqu fil-Belt Valletta u fil-fortifikażżjonijiet tal-Kottonera.

Il-Maltin ma' tilfux żmien u waqqfu Assembleja Nazzjonali li għarfet lir-Re Ferdinandu IV ta' Napli u III ta' Sqallija bħala s-Sovran tal-Gżejjer Maltin. Hawn daħal fix-xena Lorenzo Bugeja, is-Segretarju tal-Konfratenrità ta' San Ġużepp fir-Rabat, li nhar l-4 ta' Settembru 1798 kien maħtur Segretarju tal-Assembleja Nazzjonali li kienet tiltaqa' fl-Imdina. Hu kien afdat jieħu ħsieb ir-reġiment. L-għada huwa ġie maħtur bħala Spettur tat-torrijiet u trunċieri tal-port ta' San Pawl il-Baħar u l-kosta tal-Punent. Kellu wkoll taħt ir-responsabbilità tiegħu il-manutenzjoni tal-fortifikazzjonijiet tal-Imdina, il-fortifikazzjonijiet fil-kampajna tal-madwar u l-organizazzjoni tal-ħabs.

Lorenzo Bugeja, bħala Segretarju tal-Assembleja tal-Maltin, kien jieħu ħsieb it-tqassim tal-ħobż lis-suldati u lir-refuġjati li kienu jaslu mill-Bliet taħt assedju. Barra minn dan kien jgħin ukoll billi ġo d-dar tiegħu kienu jiġu mmanifatturati l-iskrataċ għall-ixkubetti.

Meta l-proviżjon tal-ikel kien ikun skars, Bugeja kien jara li jinġiebu pprovisti minn Għawdex.

F'Novebru 1798, Lorenzo Bugeja ġie nnominat bħala Gwardjan tal-port ta' San Pawl il-Baħar u f'Jannar 1800 ġie maħtur bħala Suprintendent tal-qmugħ li kienet timporta l-Università fil-Pwales u t-tqassim tal-istess qamħ fl-irħula.

Wara li l-imblokk tal-Franċiżi ntemm b'suċċess għall-Maltin, bil-għajnuna tal-Portugiżi u l-Ingliżi, nsibu li fl-10 ta' Novembru 1808, Bugeja ġie ddekorat bil-Midalja tal-Imblokk, li ngħatat lil persuni li ddistingwew ruħhom. Huwa ngħata r-responsabbilità tal-imħażen li l-Università kellha fil-Belt Valletta. Nhar l-4 ta' April 1815 kien elett bħala Rettur tal-Konfraternita ta' San Ġużepp fir-Rabat.

Lorenzo Bugeja miet nhar is-7 ta' Novembru 1818 fl-eta' ta' 76 sena.

**Riferenza**

Winston L Zammit
Some minor Figures connected with the Maltese Uprising against the French (1798-1800)
Proceedings of History Week 1999. (131-136). (Malta : The Malta Historical Society, 2002).
Joseph C Sammut
Maltese Blockade Medals
Proceedings of History Week 1992. (1992)(77-87)

LIEDNA

maħduma minn Noel Livori ta' Bormla

Liedna ta' kull daqs u tinqdew
fi żmien qasir bi prezzijiet raġonevoli

Ċempel fuq 99884993 jew 98117400